MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 2906/1997/1

**L-ACCOUNTANT GENERAL** u d-Direttur tal-Kuntratti

vs

**C.T. ENTERPRISES COMPANY LIMITED** u b'degriet tat-13 ta' Lulju, 1999, issejjaħ fil-kawża Carmelo *sive* Charles Muscat

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-23 ta' Diċembru, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-atturi talbu lil-Qorti (i) ssib li l-kumpannija mħarrka naqset li twettaq ir-rabtiet kuntrattwali tagħha fis-sejħa pubblika għall-provvista ta' *xerographic paper* skond l-Avviż tat-Teżor Numru 27/92) u għalhekk imissha tħallashom id-danni minnhom imġarrba minħabba f'hekk fir-rata miftehma tal-għaxra fil-mija (10%) tal-valur tal-kuntratt lilha aġġudikat; u (ii) tikkundannaha tħallashom is-somma ta' tlitt elef sitt mija u tnejn u għoxrin lira Maltija u ħamsin ċenteżmi (Lm 3,622.50)[1] jew somma oħra li l-Qorti tista' tillikwida, bħala d-danni hekk minnhom imġarrbin minħabba dak in-nuqqas. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-28 ta' April, 1999[2], li bih tat lill-kumpannija mħarrka żmien ta' għoxrin jum biex titħalla tikkontesta l-kawża minħabba li n-notifika li kienet saret qabel ma kinitx tajba;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "CT") fil-11 ta' Mejju, 1999 li biha hija laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-kuntatt mertu tal-każ ma jiswiex għaliex kien iffirmat bi ksur tal-istatut tal-kumpannija billi jġib il-firma biss ta' wieħed mid-diretturi, meta l-istatut jitlob il-firma taż-żewġ diretturi tagħha. Tgħid li, minħabba f'hekk, m'hijiex il-kontradittur leġittimu tat-talbiet attriċi, li għandu jwieġeb għalihom Charles Muscat li, minn jeddu, ndaħal biex jintrabat bis-sejħa għall-offerti, li b'hekk tgħabba waħdu bir-responsabbilta' ta' dak li ntrabat bih u li jmissu jissejjaħ fil-kawża. Żiedet tgħid li, f'kull każ, il-kuntratt qatt ma twettaq għaliex il-kampjun qatt ma ngħata lill-atturi, bi ksur tal-kundizzjoni numru 9 tas-Sejħa għall-Offerti. Temmet tgħid li, bi ksur tal-artikolu 1120 tal-Kodiċi Ċivili, l-atturi ma jistgħux jitolbu d-danni u l-penali fl-istess waqt;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-13 ta' Lulju, 1999[3], li bih ordnat is-sejħa fil-kawża ta' Charles Muscat;

---

[1] Li jġibu €8,438.16 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 29 tal-proċess
[3] Paġ. 45 tal-proċess

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imsejjaħ fil-kawża Charles Muscat fil-5 ta' Marzu, 2001, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn (dwar id-danni) u dik tal-ħames snin (dwar rabtiet kontrattwali) "a tenur tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12)". Laqa' wkoll bl-eċċezzjoni tan-nullita' taċ-Ċitazzjoni fil-konfront tiegħu, billi l-premessi u t-talbiet kif imressqa ma jistgħu qatt ikunu jgħoddu għalih personalment. Qal ukoll li ma hemm l-ebda rabta ġuridika bejnu u l-atturi, u għalhekk imissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Temm jgħid li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa u m'għandhomx jintlaqgħu;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem il-Qorti u wkoll il-provi dokumentali tagħhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-atturi u tal-imsejjaħ fil-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2004[4], li bih tat żmien lill-kumpannija mħarrka biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub;

Rat li l-kumpannija mħarrka ma ressqet l-ebda sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt u l-ħlas ta' danni u penali. L-atturi kienu ħarġu sejħa pubblika għall-offerti għax-xiri ta' karta kserografika għal użu

[4] Paġ. 157 tal-proċess

dipartimentali, għażlu l-offerta ta’ CT, iżda meta din ma kinitx f’qagħda li tipprovdi l-karta bil-filigrana (“*watermark*”), kellhom iduru għal u jagħżlu lil offerent ieħor li kien offra bi prezz ogħla. Iridu li CT tagħmel tajjeb għall-ħlas żejjed li daħlu għalih meta għażlu lill-offerent l-ieħor u wkoll għad-danni kuntrattwali fir-rata ta’ għaxra fil-mija (10%) tal-prezz tal-kuntratt ta’ CT li kien jitla’ għal Lm 22,055[5];

Illi CT laqgħet billi qalet li l-kuntratt ma jiswiex għaliex biex tintrabat hi ried li l-ftehim ikollu l-firma taż-żewġ diretturi, filwaqt li l-offerta u l-aċċettazzjoni għamilhom wieħed biss mid-diretturi, jiġifieri Charles Muscat. Għalhekk, qieset li hi ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u li r-responsabbilta’ kellu jerfagħha waħdu l-imsemmi Charles Muscat, li talbet is-sejħa fil-kawża tiegħu. Żiedet tgħid li, f’kull każ, il-kuntratt qatt ma kien finalizzat għaliex hija ma kinitx bagħtet kampjun tal-karta kif kienu jitolbu r-regolamenti. Temmet tgħid li l-atturi ma setgħux jitolbu l-ħlas tad-danni flimkien ma’ penali bi ksur tal-artikolu 1120 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi, l-Qorti kienet laqgħet it-talba għas-sejħa fil-kawża ta’ Charles Muscat;

Illi l-imsejjaħ fil-kawża Muscat laqa’ għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qal li l-azzjoni kienet waqgħet bil-preskrizzjoni u li ma kinitx tiswa fil-konfront tiegħu, għaliex la premessi u lanqas it-talbiet ma kienu jwasslu għas-sejbien tal-ħtija tiegħu. Qal ukoll li ma kellu l-ebda rabta ġuridika ma’ ħadd mill-atturi u għalhekk kien imissu jinħeles milli jibqa’ fil-kawża. Temm jgħid li, f’kull każ, it-talbiet attriċi ma kinux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li f’avviż (numru 27) magħmul fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta’ Jannar, 1992, l-attur Direttur tal-Kuntratti ħareġ sejħa għal offerti pubblika għall-provvista ta’ ħamsin (50) tunnellata metrika ta’ karta kserografika għal użu fid-

[5] Li jġibu €51,374.33 fi flus tal-lum

dipartimenti tal-Gvern (L-Istamperija tal-Gvern), u dan skond l-ispeċifikazzjonijiet hemm imfissra[6];

Illi CT ressqet l-offerta tagħha b'ittra tat-12 ta' Frar, 1992[7], b'*letterhead* tal-kumpannija u taħt il-firma tal-imsejjaħ fil-kawża Muscat, li fisser lilu nnifsu bħala d-direttur maniġerjali ta' CT.  Minbarra li ssemmiet l-offerta tagħha, ingħad li l-offerta kienet tibqa' tgħodd sal-31 ta' Marzu, 1992.  Mal-istess ittra, CT hemżet ukoll dikjarazzjoni[8] taħt il-firma ta' Muscat, li biha ntrabtet li, f'każ li l-offerta tagħha tintlaqa', kienet f'qagħda li tipprovdi l-karta fi żmien tletin (30) jum minn dak inhar li taslilha l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-offerta tagħha min-naħa tad-Direttur tal-Kuntratti, u li żżomm sħiħa l-offerta tagħha għal żmien xahrejn minn dak inhar li jgħaddu l-imsemmija tletin jum.  Intrabtet ukoll li, fi żmien sebat (7) ijiem minn dak inhar li taslilha l-ittra ta' aċċettazzjoni, kienet tressaq garanzija bankarja xierqa għall-valur ta' għaxra fil-mija (10%) tal-valur kollu tal-kuntratt tal-provvista.  CT offriet il-prezz ta' erba' mija u wieħed u erbgħin lira Maltija u għaxar ċenteżmi (Lm 441.10)[9] għal kull tunnellata metrika ta' karta provduta;

Illi CT kienet twaqqfet bħala kumpannija fit-30 ta' Diċembru, 1991[10], bl-imsejjaħ fil-kawża Muscat u Anthony Saliba bħala l-azzjonisti u d-diretturi tagħha.  L-imsejjaħ fil-kawża ħareġ mill-kumpannija f'Marzu tal-1993[11], billi għadda l-ishma li kellu fiha lil Saliba u wara li kien irriżenja minn direttur ta' CT f'Ġunju tal-1992[12];

Illi fit-13 ta' Frar, 1992, għalaq iż-żmien għat-tressiq tal-offerti u ħareġ li, għas-sejħa li saret, kienu tressqu tmien offerti[13];

Illi l-bord tal-għażla ressaq il-konsiderazzjonijiet tiegħu fit-2 ta' Marzu, 1992[14] u sab li CT kienet l-irħas offerta għal karta li taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet mitlubin fis-sejħa,

[6] Dok "B", f'paġġ. 16 – 7 tal-proċess
[7] Dok "Ċ", f'paġ. 18 tal-proċess
[8] Ara paġ. 19 tal-proċess
[9] Li jġibu €1,027.49 fi flus tal-lum
[10] Dok "AA", f'paġġ. 35 sa 44 tal-proċess
[11] Dok "AC2", f'paġ.121 tal-proċess
[12] Dok "AĊ1", f'paġ. 120 tal-proċess
[13] Dok "ĊĊ1", f'paġ. 105 tal-proċess
[14] Dok "ĊĊ1", f'paġġ. 103 – 4 tal-proċess

iżda l-kampjun li kienet bagħtet kien mingħajr filigrana. L-offerent ta' wrajh kienet Galaxy Limited. Fl-4 ta' Marzu, 1992[15], l-attur bagħat jistaqsi lil CT jekk kemm-il darba kinitx f'qagħda li tikkonferma li il-prezz minnha kwotat għall-karta li offriet kienx jirreferi għal karta bil-filigrana kif mitlub fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa. B'*telefax* mibgħut dak inhar stess[16], CT ikkonfermat li l-prezz kwotat kien għal karta bil-filigrana;

Illi l-offerta ta' CT intlaqgħet b'ittra ta' aċċettazzjoni mibgħuta lilha fl-10 ta' Marzu, 1992[17], mill-atturi. Iżda fis-27 ta' April, 1992[18], CT bagħtet tgħarraf lill-attur li ma kinitx f'qagħda li tipprovdi l-karta bil-filigrana bħal dik li kienet bagħtet fil-kampjun mal-offerta tagħħa, iżda offriet li tipprovdi karta oħra bil-filigrana kif mitluba. Ma' dik l-ittra bagħtet kampjun tal-karta l-oħra. Meta l-persuni responsabbili mill-Istamperija tal-Gvern eżaminaw il-karta l-ġdida, ma sabuhiex taqbel ma' dak li kien mitlub fis-sejħa għall-offerti f'dak li għandu x'jaqsam mal-bjuda tal-karta[19]. Fis-6 ta' Mejju, 1992[20], l-atturi bagħtu jgħarrfu lil CT li l-karta l-ġdida offerta ma kinitx aċċettabbli u talbuha tikkonferma sa żmien ġimgħa, jekk hija kinitx f'qagħda li twettaq ir-rabta tagħha skond l-ittra ta' aċċettazzjoni;

Illi f'Mejju tal-1992, billi CT ma kinitx uriet li setgħet twettaq ir-rabta tagħha, l-atturi għaddew biex taw il-kuntratt lil offerent ieħor li kien imiss – Galaxy Limited – u li kien offra l-prezz ta' tlieta u għoxrin elf erba' mija u tnejn u sebgħin lira Maltin (Lm 23,472)[21], li kien ftit ogħla minn ta' CT. Fit-3 ta' Ġunju, 1992, inħarġet l-ittra ta' aċċettazzjoni favur Galaxy (358/92) li seħħilha tikkonsenja l-karta f'Lulju tal-1992, qabel dak li kienet wegħdet fis-sejħa għall-offerti. Id-Direttur tal-Informazzjoni approva l-ħlas lil Galaxy fit-23 ta' Lulju, 1992[22];

---

[15] Dok "E", f'paġ. 21 tal-proċess
[16] Dok "F", f'paġ. 22 tal-proċess
[17] Dok "D", f'paġ. 20 tal-proċess
[18] Dok "Ġ", f'paġ. 23 tal-proċess
[19] Dok "Ħ", f'paġ. 24 tal-proċess
[20] Dok "I", f'paġ. 25 tal-proċess
[21] Li jġibu €54,675.05 fi flus tal-lum
[22] Dok "CCX", f'paġ. 137 tal-proċess

Illi jirriżulta minn aċċertamenti li l-Qorti għamlet li, mill-erba' ittri uffiċjali msemmijin fl-Att taċ-Ċitazzjoni, waħda biss – dik maħruġa fl-20 ta' Awissu, 1997 kontra CT waħedha – tressqet fir-Reġistru tal-Qorti u n-notifika tal-istess att lil CT seħħet fl-1 ta' Settembru, 1997, fl-indirizz indikat tal-kumpannija f'Birkirkara;

Illi din il-kawża nfetħet f'Diċembru tal-1997;

Illi fost il-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li l-Qorti tara li jridu jsiru f'din il-kawża, jidher li l-ewwel waħda li jeħtieġ issir hija dik marbuta mal-**ewwel eċċezzjoni** ta' CT, li tirrigwarda s-siwi tal-kuntratt. Ladarba l-azzjoni attriċi tinbena fuq l-inadempiment kuntrattwali, l-eċċezzjoni tolqot ir-rabta fil-laħam il-ħaj billi tqajjem il-kwestjoni ta' min huwa l-kuntradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Minbarra dan, id-determinazzjoni tal-imsemmija eċċezzjoni qabel kull ħaġa oħra hija, fil-fehma tal-Qorti, meħtieġa wkoll għaliex mill-eżitu tagħha jkun jista' jitqies is-sehem tal-imsejjaħ fil-kawża f'din il-kwestjoni;

Illi ladarba l-eċċezzjoni tirreferi għan-nullita' formali tal-kuntratt (maħluq bl-ittra tal-aċċettazzjoni tas-sejħa), l-Qorti tista' toqgħod fuq l-eċċezzjoni nnifisha biex tistħarreġ dak is-siwi u ma kienx meħtieġ li CT tiftaħ kawża apposta biex tikseb dikjarazzjoni minn qorti dwar is-siwi tal-istess kuntratt;

Illi CT tibni l-eċċezzjoni tagħha tan-nuqqas ta' siwi tal-kuntratt fuq il-fatt li kemm l-offerta u kif ukoll l-aċċettazzjoni tal-kuntratt saru minn wieħed biss mid-diretturi tagħha u mhux mit-tnejn li huma, kif kien jitlob l-istatut tagħha dak iż-żmien. Klawsola 9 tal-istatut ta' CT kien jipprovdi li "*All contracts, bank documents, cheques, promissory notes, bills of exchange, and all other documents of whatever* (sic) *are to be signed by Mr Charles Muscat and Mr Anthony Saliba*". CT qiegħda tgħid, għalhekk, li ladarba l-imsejjaħ fil-kawża Muscat offra bil-firma tiegħu waħdu u aċċetta l-għoti tal-kuntratt bla ma ndaħal id-direttur l-ieħor Saliba, mela l-kuntratt ma jiswiex u CT ma kienet daħlet għall-ebda rabta kuntrattwali mal-

atturi. Tgħid li, jekk hemm xi rabta, din daħal għaliha l-imsejjaħ fil-kawża u l-atturi jafu lilu;

Illi l-prinċipju legali marbut mal-imsemmija eċċezzjoni jirreferi għall-kwestjoni tal-effetti tar-rabtiet lil jsiru lil hinn mis-setgħat tal-kumpannija jew tal-uffiċjali tagħha (magħrufa bħala d-duttrina tal-*ultra vires*). Dawn is-setgħat normalment issibhom jew fil-klawsola tal-għanijiet tal-kumpannija (għal dak li jirrigwarda s-setgħat tal-atti tal-istess kumpannija) jew fl-istatut jew il-memorandum (f'dak li jirrigwarda r-rappreżentanza tal-kumpannija fin-negozji tagħha ma' terzi). CT twaqqfet meta kienet għadha fis-seħħ il-liġi dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali[23], u l-fatti ewlenin li seħħew f'din il-kawża ġraw waqt li kienet għadha fis-seħħ dik il-liġi u ma kinitx għadha daħlet fis-seħħ il-liġi dwar il-Kumpanniji fl-1995[24] (għalkemm il-kawża nbdiet wara li din l-aħħar liġi kienet daħlet fis-seħħ);

Illi, fil-qofol tagħha, r-regola hi li jekk kemm-il darba l-istatut ta' kumpannija jistabilixxi min jidher għall-kumpannija fir-rabtiet tagħha ma' terzi, jew jekk hemmx xi għadd partikolari ta' persuni li huma meħtieġa biex jorbtuha, kull rabta li ssir bi ksur ta' dawk ir-regolamenti ma tkux tiswa[25]. B'mod partikolari, kull persuna li tersaq biex tagħmel kuntratt ma' kumpannija għandha d-dmir li tara li tkun qiegħda tinnegozja ma' dak jew dawk li 'l-kumpannija tassew jirrappreżentawha. Ladarba l-istatut ta' kumpannija huwa reġistrat, huwa dokument pubbliku u jista' jarah kulmin għandu interess[26], jiġi li huwa fl-interess tat-terz li jara li dawk li magħhom qiegħed jinnegozja tassew jidhru għall-kumpannija u li r-rabtiet li jitnisslu minn dawk in-negozjati jkunu jaqblu mal-istatut ta' kumpannija bħal dik. F'ċirkostanza bħal din, tali nuqqas jista' jġib l-effett li ftehim ma jkunx jorbot lill-kumpannija, liema nuqqas ma jistax jissewwa lanqas b'ratifika li ssir wara[27];

---

[23] Ord. X tal-1962 (Kap 168)
[24] Att XXV tal-1995 (Kap 386)
[25] Kumm. **24.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Herrera noe vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.834**)
[26] App. Kumm. **Xx.x.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri noe et vs Gauċi et noe*** (Kollez. Vol: **LXVII.ii.307**)
[27] Muscat Principles of Maltese Company Law (2007) Kap 13, § 7.1, paġġ. 858 – 9 (dwar id-duttrina tal-"*constructive notice*")

Illi, madankollu, l-imsemmija regola m'hijiex għal kollox inflessibbli u jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn dak li jipprovdi l-istatut ta' kumpannija jkun imseddaq b'xi sura ta' awtorizzazzjoni siekta li tista' tinstilet mill-istess ċirkostanzi[28], bħalma tgħid il-liġi fl-artikolu 1229 tal-Kodiċi Ċivili[29]. "*Three conditions would, however, need to be satisfied in order for such an approach to be adopted: first, that the representation clause must be such as to empower the board to authorise any person to represent the company; second, that the clause must not require such authorisation to be be given in writing; and third, that the person signing the agreement on behalf of the company must have at least tacit authority to act on behalf of the company*"[30];

Illi f'dan ir-rigward ta' min jgħid li, fil-każ ta' CT, minbarra l-klawsola 9 li hija ssemmi biex issejjes l-eċċezzjoni tagħha, kien hemm ukoll fl-istatut tagħha klawsola oħra (Klawsola 10) li kienet tgħid: "*The Board of Directors may delegate any Director or any other person to perform all acts in the name of the Company*". Qari ta' din il-klawsola juri li jista' jkun li meta l-imsejjaħ fil-kawża ressaq l-offerta u ikkorrisponda mal-atturi dwar is-sejħa għall-offerti u l-ittra sussegwenti tal-aċċettazzjoni, dan kien qiegħed jagħmlu f'isem il-kumpannija u li dak li sar kien ratifikat minnha;

Illi huwa minnu li Anthony Saliba jisħaq li hu qatt ma kien ingħata ħjiel minn sieħbu l-imsejjaħ fil-kawża li kien imqar ser iwieġeb għas-sejħa għall-offerti. Saliba jgħid li, meta tressqet l-offerta f'isem CT, hu kien imsiefer u Muscat qallu b'dak li għamel biss wara li hu (Saliba) reġa' lura Malta u wara li kien opponielu għal dak li għamel fin-nuqqas tiegħu. Iżda, meta mistoqsi x'għamla ta' oppożizzjoni ressaq, kien x'aktarx ċar biex ifisser li, fl-ebda ħin, la lill-istess imsejjaħ fil-kawża u lanqas lill-atturi ma kien qalilhom jew imqar kitbilhom li ma kienx

---

[28] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **30.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Anthony H. Farruġia noe vs Vernie Carnone pro et noe*** u App. Ċiv. **28.11.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Deirdre Cachia et vs Gaba Diamonds Co Ltd.***

[29] Dan kien wieħed mill-argumenti li straħet fuqhom l-għaref difensur tal-atturi waqt it-trattazzjoni tagħha f'għeluq il-kawża

[30] Muscat *ibid* Kap 13, § 6, paġ. 846

jawtorizza dak li kien għamel sieħbu[31]. B'żieda ma' dan, hemm fatti oħrajn li joħorġu mill-atti tal-kawża. L-ewwel fatt joħroġ mix-xhieda tal-imsejjaħ fil-kawża nnifsu. Dan jixhed li Saliba u hu kienu marru l-Ungerija ftit ġimgħat qabel tressqet l-offerta ta' CD u, fost il-kumpanniji li żaru, kien hemm sewwasew dik li mingħandha kellha tinġieb il-karta li hija ressqet bħala kampjun tal-offerta tagħha; xehed ukoll li Saliba kien saħansitra awtorizzah biex jiffirma t-*tender*; xehed li kien hu u Saliba li flimkien ħadmu l-prezz li kellhom jikkwotaw fl-offerta; u ikkonferma li Saliba qatt ma wissieh biex jieqaf jew jerġa' lura mill-offerta li kien għamel[32]. It-tieni fatt hu li d-dikjarazzjoni mehmuża mal-offerta kien fiha klawsola li tgħid li "*... the person signing the tender should be and is considered to be fully authorised to act on behalf of the Company or Partnership for all purposes relating to the tender*";

Illi l-Qorti tifhem li bejn l-imsejjaħ fil-kawża u Anthony Saliba nqalgħu kwestjonijiet ftit żmien wara l-għoti tat-*tender* u li dan seta' wassal lil tal-ewwel li jixhed b'ċertu mod. Madankollu, Saliba ma miera xejn mix-xhieda li ta l-imsejjaħ fil-kawża, u t-terz (f'dan il-każ, l-atturi f'din il-kawża) qatt ma ngħata ħjiel li CT kienet qiegħda jew sejra tqanqal xi kwestjoni dwar jekk il-kuntratt aċċettat minnha kienx jiswa jew kienx jorbotha tassew. Huwa sinjifikattiv li, minkejja l-interpellazzjoni ġudizzjarja mibgħuta lil CT, qatt ma kienet aċċennat għan-nuqqas ta' siwi tal-kuntratt minħabba rappreżentanza difettuża f'min kien ressaq l-offerta jew f'min kien kiteb biex juri li l-aċċettazzjoni kienet milqugħa;

Illi, kieku wieħed kellu jqis li, fil-każ tal-lum meta seħħew il-ġrajja, kienet taħdem il-liġi fis-seħħ illum, x'aktarx il-kwestjoni kienet ukoll tkun determinata b'dak li jiddisponu l-artikoli 137(4) u 137(5) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdu li : "(4) *Minkejja kull ħaġa li tinsab fil-memorandum jew fl-istatut ta' assoċjazzjoni dwar il-mod kif tiġi eżerċitata r-rappreżentanza tal-kumpannija, kull ħaġa li tkun saret mill-bord tad-diretturi ta' kumpannija li teċċedi l-limiti tas-setgħat tagħhom jew minn xi direttur*

[31] Xhieda tiegħu 14.11.2001, f'paġġ. 74 – 6 tal-proċess
[32] Xhieda tiegħu 6.2.2002, f'paġġ. 93, 94 u 100 tal-proċess

*barra mis-setgħat tiegħu, tkun torbot lill-kumpannija kemm-il darba l-egħmil ma jeċċediex is-setgħat mogħtija lill-Bord tad-diretturi jew lil direttur, skond il-każ, bis-saħħa ta' dan l-Att. (5) Kull limitazzjoni fuq is-setgħat tal-bord tad-diretturi jew ta' xi direttur tal-kumpannija ma tinġiebx bħala prova kontra terzi indipendentement jekk dik il-limitazzjoni, pubblikata jew le, toħroġx mill-memorandum u l-istatut jew minn xi riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali jew minn deċiżjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija*";

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li CT tassew kienet intrabtet mal-atturi biex tfornihom bil-karta li offriet dwarha fis-sejħa għall-offerti u li dik ir-rabta kuntrattwali kienet tiswa għall-finijiet kollha tal-liġi. Dan iġib miegħu l-konsegwenza li kontradittur leġittimu waħdani għall-azzjoni attriċi hija biss CT. Jekk CT għandha xi kwestjoni mal-imsejjaħ fil-kawża dwar il-mod kif ġab ruħu, din m'hijiex ħaġa li jridu jitqannew biha l-atturi u CT tista' tagħżel li tieħu l-passi meħtieġa, u li għad jistgħu jittieħdu, kontra l-imsejjaħ fil-kawża, f'sedi oħra li din is-sentenza tħalli għal kollox bla mittiefsa;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' CT m'hijiex tajba u m'hijiex sejra tilqagħha, filwaqt li ssib li l-istess CT hija l-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi. Għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' la t-**tieni eċċezzjoni** ta' CT u lanqas it-**tielet eċċezzjoni tagħha**, iżda sejra teħles lill-imsejjaħ fil-kawża milli jibqa' fl-istess kawża;

Illi minħabba fil-fehma li l-Qorti għadha kif waslet fiha, m'huwiex il-każ li tgħaddi biex tistħarreġ l-**eċċezzjonijiet** imqajmin mill-**imsejjaħ fil-kawża**;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis **it-talbiet tal-atturi fil-mertu** u, b'dan il-mod ukoll, tinvesti l-kwestjoni mqajma minn CT fir-**raba' eċċezzjoni** tagħha;

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li CT ma wettqet xejn minn dak li ntrabtet għalih. Minħabba li nqalgħet il-kwestjoni tal-filigrana fuq il-karta, ġara li l-kumpannija ungeriża li mingħandha CT kienet trid iġġib il-karta ma

kinitx f'qagħda li tagħmel il-filigrana fuq l-għamla ta' karta li CT kienet ressqet bħala kampjun, iżda fuq għamla oħra ta' karta. Dik l-għamla l-oħra ta' karta ma kinitx aċċettabbli minħabba l-kriterju tal-bjuda mitlub mill-atturi fis-sejħa għall-offerti;

Illi f'dan ir-rigward, ma jidhirx li r-raba' eċċezzjoni ta' CT hija tajba. Għall-kuntrarju ta' dak minnha allegat f'dik l-eċċezzjoni, CT kienet ipprovdiet kampjun tal-karta, tant li l-kumitat jew bord imqabbad biex jeżamina u jaġġudika l-offerti partikolari f'din is-sejħa jirreferi għall-kampjun provdut (li, madankollu, ma kellux filigrana) fir-rapport evalwattiv tiegħu dwar il-gradwatorja tal-offerti mitfugħa[33]. Mhux hekk biss, iżda meta wara li nħarġet l-ittra ta' aċċettazzjoni, CT ltaqgħet mal-intopp biex tikkonsenja l-karta aċċettata mingħajr il-filigrana, hija stess ipproponiet l-użu ta' għamla oħra ta' karta bil-filigrana u bagħtet kampjun ieħor ukoll biex jissostitwixxi dak li kienet bagħtet qabel[34]. Għalhekk, minbarra li l-eċċezzjoni ta' CT tipprova tieħu vantaġġ minn allegat nuqqas tagħha stess, jirriżulta bla ebda ħjiel ta' dubju li l-kampjun kien tassew intbagħat u għalhekk dik l-eċċezzjoni m'hijiex fondata;

Illi min-naħa l-oħra, l-provi juru li CT ma ikkonsenjat xejn mill-karta li kienet wiegħdet li sejra tikkonsenja. Meta fil-bidu ta' Marzu, kienet saritilha mistoqsija speċifika dwar jekk il-karta li kienet hemżet bħala kampjun kienx se' jkollha l-filigrana, din wieġbet fl-affermattiv, iżda konsenja baqgħet ma għamlet qatt, minkejja li ż-żmien mogħti lilha biex twettaq dik ir-rabta tagħha ttawwal b'aktar minn xahar;

Illi nuqqas bħal dak wara li kienet seħħet ir-rabta kuntrattwali isarraf f'inadempiment, bis-saħħa ta' abbandun tal-kuntratt, u nuqqas bħal dan inissel l-effett tad-danni[35];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, jidher li l-ewwel talba attriċi jistħoqqilha tintlaqa' u l-Qorti sejra tilqagħha;

---

[33] Xhieda ta' Charles Ċiantar 13.2.2002 f'paġ. 109 tal-proċess
[34] Ara d-Dokumenti f'paġġ. 134 – 5 tal-proċess
[35] Artt. 1125, 1126(1) tal-Kap 16

Illi meta parti f'kuntratt tonqos li twettaq dak li ntrabtet bih, trid tħallas lill-parti l-oħra d-danni. Hawhekk jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili, li lkoll jitqiesu bħala l-effetti "sekondarji" tal-obbligazzjoni;

Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' piena kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti[36]. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas[37], filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar[38];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, joħroġ li l-atturi jsesju l-pretensjoni tagħhom għall-kumpens għad-danni fuq  il-klawsola 22 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali għal Kuntratti ta' Provvista li tgħid "*Should the contractor fail to effect delivery in whole or in part, within one month from the expiration of the period stipulated in the contract without the previous permission of the Accountant General the contract shall be deemed to have been abandoned in which case the contractor shall be liable to a penalty of 10% of the value of the undelivered goods calculated on the basis of the contract sum in addition to any compensation which may be due for damages*"[39]. Fil-każ tal-lum, l-atturi jridu l-ħlas tal-penali (li kien l-ammont li CT kellha tressaq sa żmien sebat ijiem mill-aċċettazzjoni tal-offerta tagħha permezz ta' garanzija bankarja xierqa,

---

[36] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)
[37] P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** (mhix appellata)
[38] App. Inf. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick*** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)
[39] Paġ. 13 tal-proċess

iżda li jidher li naqset li twettaq sal-lum) u kif ukoll għad-danni li jikkonsistu fin-nefqa żejda li kellha ssir biex, minflok CT, jitqabbad il-kuntrattur li l-prezz tiegħu kien jiġi warajha xi ftit ogħla;

Illi dwar il-pretensjonijiet tal-penali, irid jingħad li l-ftehim li jistabilixxi l-ħlas ta' penali għan-nuqqas ta' twettieq f'waqtu ta' obbligazzjoni li tintrabat biha waħda mill-partijiet jiddependi fuq is-siwi tal-ftehim ewlieni[40]. F'dan il-każ, l-imsemmija Kundizzjonijiet Ġenerali kienu jagħmlu parti sħiħa mill-kuntratt u hekk jingħad espressament ukoll fl-ittra ta' aċċettazzjoni li ntbagħtet lil CT fl-10 ta' Marzu, 1992. Din il-Qorti sabet li dak il-kuntratt kien jiswa. Il-klawsola penali hija għamla ta' danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jeħles mill-obbligu li jipprova li ġarrab ħsara, għaliex jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li mal-parti l-oħra jkun intrabat li jagħmel[41];

Illi fejn il-klawsola penali tkun ġiet miftehma minħabba d-dewmien, l-effetti tagħha għandhom jibdew iseħħu minn dak inhar li tgħaddi d-data miftehma għat-twettiq tal-obbligazzjoni, u mhux minn dak inhar li jkun sar il-ftehim li l-klawsola penali tagħmel biss parti minnu[42];

Illi l-liġi trid li l-kreditur ta' obbligazzjoni jagħżel bejn li jitlob it-twettiq tal-obbligazzjoni jew il-ħlas tal-penali[43], sakemm il-penali ma ġietx miftehma għad-dewmien biss, f'liema każ it-talba tat-tnejn hija possibbli[44];

Illi, fil-**ħames eċċezzjoni tagħha**, CT tilminta li l-atturi ma jistgħux ifittxuha kemm għall-penali u kif ukoll għall-ħlas tad-danni f'daqqa. Biex issaħħaħ din l-eċċezzjoni tagħha, CT issemmi l-artikolu 1120 tal-Kodiċi Ċivili li, fin-nota marġinali tiegħu, jingħad li "*Il-penali tgħodd flok id-danni*";

---

[40] Art. 1119(1) tal-Kap 16;
[41] Ara Torrente *Manuale di Diritto Privato*, par. 300, paġ 490-1; u art. 1120 tal-Kap 16
[42] P.A. GCD **16.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Caruana et vs George Camenżuli et***;
[43] Art. 1120(2) tal-Kap 16
[44] Art. 1120(3) tal-Kap 16

Illi tqum hawnhekk il-kwestjoni jekk kemm-il darba l-atturi jistgħux jitolbu kumpens taħt il-kawżali tal-penali miftehma u kif wkoll id-danni. Fuq is-saħħa ta' ġurisprudenza ma jidhirx li ż-żewġ talbiet ma jistgħux isiru flimkien, l-aktar fejn il-penali tkun iddaħħlet għad-dewmien[45]. Iżda dan ma jnaqqas xejn mill-ħtieġa li l-parti mġarrba turi bi provi xierqa x'inhuma d-danni li tkun batiet, u mhux tistrieħ biss fuq il-fatt li kien hemm iċ-ċirkostanzi li tiddekorri l-klawsola penali[46];

Illi, kif ingħad, il-penali li l-atturi jippretendi li CT tħallashom tkejlet fil-perċentwali miftehma minn qabel ta' għaxra fil-mija (10%) tal-valur tal-kuntratt. Il-kuntratt sħiħ kien jiswa wieħed u ħamsin elf tliet mija u erbgħa u sebgħin euro u tlieta u tletin ċenteżmi (€51,374.33). Dan ifisser li l-penali mitluba hija ta' ħamest elef mija u sebgħa u tletin euro (€5,137);

Illi din il-penali kienet speċifikata fil-kundizzjonijiet ġenerali u kien hemm stipulat ukoll li kienet isseħħ jekk kemm-il darba l-kuntrattur magħżul kellu jonqos li jwettaq il-provvista tal-ħaġa kuntrattata għal kollox jew imqar f'biċċa fi żmien xahar minn mindu jagħlaq iż-żmien mogħti fl-ittra ta' aċċettazzjoni. Għalhekk, dik il-penali kienet kemm dwar nuqqas ta' twettiq u kif ukoll għad-dewmien. Fuq kollox, l-istess penali kienet bla ħsara għal kull kumpens ieħor li l-atturi setgħu jippretendu minħabba d-danni mġarrba. Il-klawsola kienet għalhekk turi li l-penali kienet ukoll punitiva, għall-kuntrarju tad-danni l-oħrajn pretiżi li kellhom ikunu biss risarċitivi;

Illi ladarba CT naqset għal kollox milli tikkunsinna l-karta li wegħdet lill-atturi, lanqas huwa l-każ li l-Qorti tistħarreġ jekk jeżistux jew le ċirkostanzi li bihom ittaffi dik il-penali miftehma[47], minbarra l-fatt li l-istess penali kienet, bħalma rajna, għad-dewmien;

Illi għalhekk, il-Qorti, filwaqt li sejra tiċħad il-ħames eċċezzjoni ta' CT, sejra tillikwida l-penali pretiża mill-atturi

---

[45] App. Ċiv. **20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Merola vs Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.106**)
[46] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Accountant General et vs Joseph Spiteri***

[47] Art. 1122 tal-Kap 16

fis-somma ta’ ħamest elef mija u sebgħa u tletin euro (€5,137), jew għaxra fil-mija (10%) tal-valur tal-kuntratt li l-istess CT naqset għal kollox milli twettaq;

Illi dwar il-pretensjoni tad-danni mġarrba, l-atturi jfissru li din tikkonsisti fin-nefqa żejda li kellhom jidħlu għaliha minħabba li, bin-nuqqas ta’ CT, kellhom iduru għal offerent ieħor li l-offerta tiegħu kienet ftit ogħla minn dik ta’ CT. Intwera fil-fatt kemm nefqu l-atturi biex il-kuntrattur l-ieħor – Galaxy Limited – ipprovdiet il-karta li kienet intalbet fis-sejħa għall-offerti. Din in-nefqa kienet sewwasew skond l-offerta li kienet ressqet Galaxy fi Frar tal-1992, meta kien għadu miftuħ il-proċess tas-sejħa għall-offerti. L-ammont baqa’ l-istess. Fil-fatt, l-atturi ħallsu lil Galaxy Limited s-somma kollha minnha mitluba, jiġifieri l-ekwivalenti ta’ erbgħa u ħamsin elf sitt mija u ħamsa u sebgħin euro u ħames ċenteżmi (€54,675.05) fi flus tal-lum. Dan ifisser li l-atturi ħallsu tlitt elef u tliet mitt euro (€ 3,300) aktar biex kisbu l-karta milli kienu jħallsu lil CT kieku din wettqet ir-rabtiet kuntrattwali tagħha magħhom. Il-Qorti jidhrilha li dan il-ħlas żejjed huwa wieħed imfisser tajjeb, raġonevoli, inevitabbli biex l-atturi jwettqu dak li ntalab fis-sejħa għall-offerti u, fuq kollox, jitnissel direttament min-nuqqas ta’ twettiq min-naħa ta’ CT;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi fis-somma ta’ tlitt elef u tlitt mitt euro (€ 3,300) li jridu jitħallsu minn CT flimkien mal-penali fuq imsemmija. B’hekk sejra tintlaqa’ wkoll it-tieni talba attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Filwaqt li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija mħarrka, għaliex m’hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, billi **ssib** li l-kuntratt tal-provvista mnissel bis-sejħa pubblika għall-offerti jiswa u jorbot lill-istess kumpannija mħarrka, li hija għalhekk il-kontradittriċi leġittima waħdanija tal-pretensjonijiet attriċi;

**Teħles lill-imsejjaħ fil-kawża** mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-kumpannija mħarrka, u **tastjeni** milli tqis l-eċċezzjonijiet imqanqlin minnu;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka naqset li twettaq ir-rabtiet kuntrattwali li daħlet għalihom fl-imsemmi kuntratt ta' provvista u għalhekk ġabet fuqha r-responsabbilta' li tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba mill-atturi minħabba tali nuqqas;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-atturi, flimkien u solidalment bejniethom, is-somma ta'  tmint elef erba' mija u sebgħa u tletin euro (€8,437) bħala somma likwidata ta' penali u ta' danni mġarrba mill-atturi minħabba n-nuqqas ta' twettiq min-naħa tal-kumpannija mħarrka;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-kumpannija mħarrka, għaliex ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż kollha tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------